# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 22**

**Rikors numru 31/22/1 ISB**

**Andres Hermet, fil-kapaċità tiegħu bħala stralċjarju tas-soċjetà reġistrata fl-Estonia Envestio SI OÜ (Reg.No.14433607) u in rappreżentanza tal-istess**

**v.**

**XNT Limited (C-52182)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija konvenuta XNT Limited (C-52182) kontra digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ) nhar it-3 ta' Mejju, 2023, fejn ċaħdet it-talba tal-kumpanija konvenuta kif dedotta fir-rikors tagħha tal-11 ta' Novembru, 2022, dwar in-nullità tal-proċeduri in eżami.

**Daħla**

2. B'rikors ġenerali mressaq fit-8 ta' Marzu, 2022, Andres Hermet fil-kapaċità tiegħu ta' stralċjarju tal-kumpanija Envestio SI OÜ reġistrata ġewwa l-Estonja, u in rappreżentanza tal-istess, fisser illi l-kumpanija in kwistjoni ġiet dikjarata falluta minn Qorti ġewwa Tallinn, l-Estonja permezz ta' deċiżjoni datata 3 ta' Ġunju, 2020, bil-konsegwenza li l-istess Andres Hermet ġie maħtur bħala stralċjarju tal-istess kumpanija. Skontu u fid-dawl tar-Regolament Ewropew bin-numru 2015/848 dwar il-proċeduri ta' insolvenza, tali deċiżjoni għandha tkun rikonoxxuta awtomatikament mingħajr ebda formalità ulterjuri mill-Istati Membri kollha l-oħra Ewropej. Magħdud ma' dan, l-istess Regolament Ewropew jagħti ukoll il-fakultà li l-istralċjarju jkollu s-setgħa li jeżerċita l-obbligazzjonijiet bħala tali fl-Istati Membri kollha l-oħra Ewropej mingħajr ebda formalità.

3. Jingħad illi l-kumpanija rikorrenti għandha jew kellha assi monetarji f'Malta, fosthom fi ħdan il-kumpanija konvenuta. Ġaladarba l-kumpanija konvenuta qiegħda tirrifjuta li tgħaddi l-aċċess u/jew dokumenti u informazzjoni relatati mal-assi in kwistjoni, kellha titressaq din il-proċedura skont il-liġi u r-Regolament Ewropew bin-numru 2015/84, u Andres Hermes talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tirrikonoxxi u tagħti effett lid-deċizjoni mogħtija mill-Qorti ta' Tallinn fit-3 ta' Ġunju tas-sena 2020 b'liema Andres Hermet ġie*

*maħtur bħala stralċjarju reġistrata fl-Estonja Envestio SI OÜ (Reg. No. 14433607);*

*2. Tordna lis-soċjeta intimate tħallas, tikkonsenja, titrasferixxi jew xort' oħra tgħaddi kull: (i) flus, (ii) proprjeta', (iii) (kopji ta'/) records u dokumenti dwar l-istess klijent u tal-kontijiet u transazzjonijiet li setgħu saru, l (iv) kull dokument u/jew kopja ieħor tas-soċjeta' Envestio SI OÜ lill-istralċjarju minnufih jew f'dak iż-żmien kif tordna l-Qorti u salv kull provvediment ieħor xieraq u opportune.*

*Bl-ispejjeż.»*

4. Il-kumpanija konvenuta ġiet debitament notifikata nhar it-28 ta' April, 2022, u permezz tad-digriet tal-Qorti datat 25 ta' Marzu, 2022, l-istess kumpanija konvenuta kellha tippreżenta r-risposta tagħha fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika. Minkejja dan, il-kumpanija konvenuta ma ressqet l-ebda risposta u fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2022, l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-kumpanija konvenuta tinsab fi stat ta' kontumaċja.

5. Fl-udjenza tal-4 ta' Novembru, 2022, il-kumpanija konvenuta ressqet ix-xewqa tagħha li tressaq rikors għaliex fl-opinjoni tagħha l-proċeduri odjerni huma nulli. L-Ewwel Qorti laqgħat it-talba u akkordat it-terminu ta' ġimagħtejn żmien sabiex il-kumpanija konvenuta tressaq formalment ir-rikors tagħha, kif ukoll ġimagħtejn oħra lir-rikorrent sabiex jirrispondi għall-istess.

6. Il-kumpanija konvenuta ressqet rikors ġenerali fil-11 ta' Novembru, 2022, fejn fissret illi: (i) il-kwistjoni tal-kontumaċja ma treġix fi proċedura

bħal dik odjerna mibdija b'rikors ġenerali, (ii) l-azzjoni odjerna hija nulla peress li ma jirriżultax b'mod ċar x'tip ta' azzjoni hija dik ppreżentata mir-rikorrent għaliex ma huwiex ċar jekk din l-azzjoni hijiex ibbażata fuq **Artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u (iii) f'każ li l-Ewwel Qorti ma taqbilx li din l-azzjoni hija nulla, il-kumpanija konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Għalhekk talbet lill-Ewwel Qorti:

> *«tiddikjara r-rikors fl-ismijiet premessi irritu u null u konsegwentament tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu u dna taħt dawk il-proevvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.»*

7. Ir-rikorrent *nomine* ġie debitament notifikat b'dan ir-rikors nhar it-22 ta' Novembru, 2022, u ressaq ir-risposta tiegħu fil-5 ta' Diċembru, 2022, fejn saħaq illi t-talba mressqa hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, bil-konsegwenza li għandha tiġi miċħuda.

8. B'digriet mogħti fil-miftuħ nhar it-3 ta' Mejju, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet ir-rikors tal-kumpanija konvenuta tal-11 ta' Novembru, 2022, u għaddiet biex ċaħdet it-talba tal-kumpanija konvenuta.

9. Is-siltiet l-aktar rilevanti ta' din is-sentenza huma dawn:

> *«Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għax-xewqa li r-rikors odjern jitqies minn din il-Qorti bħala r-risposta tagħha għall-proċeduri odjerni. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tinnotax li meta fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2022, is-soċjeta' XNT Limited ġiet meqjusa fi stat ta' kontumaċja, kien hemm rappreżentant legali taghha u ma seret ebda opposizzjoni jew riżerva. Id-dikjarzzjoni maghmula u verbalizzata ghalhekk f'dik l-udjenza, fis-sens illi is-socjeta' intimata qed titqies fi stat ta' kontumacja tibqa' valida.*
>
> *Illi safejn is-soċjeta' XNT Limited tirreferi għall-**Artikolu 826 tal-Kap.***

***12 tal-Liġijiet ta' Malta**, ma hemm l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li dan l-artikolu mhuwiex applikabbli għall-proċeduri odjerni u li qatt ma kien hemm l-intendiment minn naħa tar-rikorrent Andres Hermet noe. li jkun hekk. Anzi huwa ċarissimu kemm għaliex jirriżulta mill-atti kif ukoll f'moħħ il-Qorti li l-proċedura odjerna saret ai termini tal-**Artikolu 250(b) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u għalhekk kull pretensjoni u talba tas-soċjeta' XNT Limited f'dan ir-rigward ser tiġi miċħuda.*

***L-Artikolu 250(b) tal-Kap 386** jgħid testwalment hekk:*

> *«250. Il-Qorti tista', f'kull żmien wara ordni għal stralċ, teħtieġ –*
>
> *(b) kull persuna li tkun qed iżżomm f'idejha xi flus, proprjetà jew records tal-kontijiet u dokumenti li prima facie jkollha jedd għalihom il-kumpanija, li tħallas, tikkonsenja, tittrasferixxi jew xort'oħra tgħaddi dawk il-flus, proprjetà, records tal-kontijietjew dokumenti lill-istralċjarju minnufih jew f'dak iż-żmien kif tordna l-Qorti.»*

*Issa, dwar in-nullita` tal-proċeduri stante li ma sarux b'rikors ġuramentat, din il-Qorti ssostni l-posizzjoni li ħadu l-Qrati tagħna fil-konsiderazzjoni ta` eċċezzjonijiet ta` nullita` ta` atti fi proċedimenti gudizzjarji. Specjalment wara l-emendi ghall-Kap 12 li saru bl-Att XXIV tal-1995, il-formaliżmu tal-att kien arginat u ridimensjonat abbazi talprincipju illi kemm jista` jkun l-atti ghandhom jigu salvati. Kif ingħad fis-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. LXXXI.III.31:*

> *«In-nullita' tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas, formali jew sostanzjali, fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta' citazzjoni ghandu jkun imwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. »*

*Isegwi ukoll pero` illi l-**Artikolu 250 tal-Kap. 386** bl-ebda mod ma jistipula jew jindika li l-proċedura għandha tiġi inizjata b'rikors ġuramentat u la darba mhix stipulata isegwi li l-leġislatur ma riedx li jkun hemm necessarjment rikors ġuramentat u wara kollox japplika l-prinċipju illi ubi lex voluit dixit.*

*Oltre' minn hekk, l-**Artikolu 250 tal-Kap. 386** bl-ebda mod ma jindika li l-ordni ta' stralċ trid tkun waħda li saret minn Qorti Maltija jew wara proċeduri inizjati f'Malta. B'hekk, mingħajr ma tidħol fil-mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti hi tal-fehma li bl-ebda mod mhu qed tiġi eskluża l-possibilita` li l-ordni ta' stralċ tkun saret f'ġurisdizzjoni oħra ta' Stat Membru iżda jkun hemm bżonn li titwettaq xi proċedura fil-ġurisdizzjoni Maltija.*

*Għaldaqstant, wara illi ghamlet il-fuq konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qed tgħaddi biex tiċħad it-talba tas-soċjeta' XNT Limited kif kontenuta fir-rikors tagħha tal-11 ta' Novembru 2022.*

*Il-Qorti tirriserva li tipprovdi dwar l-ispejjeż mal-provvediment finali.»*

10. Il-kumpanija konvenuta appellat minn dan id-digriet b'rikors imressaq fid-9 ta' Mejju, 2023, fejn talbet:

> *«tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) tat-3 ta' Mejju, 2023, fl-ismijiet premessi u konsegwentament tilqa' it-talba tas-soċjeta' esponenti u tiddikjara r-rikors promotur fl-ismijet prmessi ppreżentat minn Andres Hermet, fil-kapaċita' tiegħu bħala stralċarju tas-soċjeta' reġistrata fl-Estonja Envestio SI OÜ (Reg. No. 14433607) u in rappreżentanza tal-istess irritu u null u konsegwentament tasjteni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.»*

Madankollu, jiġi osservat illi fl-appell tagħha, il-kumpanija konvenuta appellanti tenniet illi l-azzjoni hija nulla abbażi tal-fatt illi: (i) ir-rikors promotur ma huwiex ġuramentat iżda wieħed ġenerali, u (ii) s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Estonja, liema sentenza l-attur *nomine* jrid li tiġi rikonoxxuta u enforzata ġewwa Malta, ma tagħmel l-ebda stat fil-konfront tal-kumpanija konvenuta peress li din qatt ma kienet parti mill-proċeduri ġewwa l-Estonja u għalhekk il-kumpanija konvenuta ma hijiex il-leġittimu kontradittur.

11. L-attur *nomine* ġie debitament notifikat bir-rikors tal-appell fit-12 ta' Mejju, 2023, u wieġeb għalih b'risposta datata t-18 ta' Mejju, 2023, fejn fl-ewwel lok u preliminarjament qajjem in-nullità tal-appell odjern għaliex skontu dan ma jiswiex fid-dawl ta' dak li jipprovdi **Artikolu 229 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fil-mertu, l-attur *nomine* talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad dan l-appell bil-konsegwenza li d-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti tat-3 ta' Mejju, 2023, jiġi kkonfermat.

12. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m’hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b’hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Ġaladarba jekk tintlaqa’ l-eċċezzjoni mqajma mill-attur *nomine* appellat dwar in-nullità tal-appell odjern, l-appell jieqaf hawn, din il-Qorti sejra tibda billi tqis din l-eċċezzjoni.

14. Fir-risposta tiegħu, l-attur *nomine* jeċċepixxi illi:

> *«Qabel xejn jiġi rilevat li l-appell preżentat mis-soċjeta’ XNT Limited huwa irritu u null billi:*
>
> *Ma ntalabx permess sabiex isir dan l-appell a tenur ta’ l-**Artikolu 229(3) tal-Kap. 12**. Jiġi rilevat li d-digriet in kwistjoni ma kienx wieħed li jippermetti li jsir appell qabel is-sentenza finali mingħajr ma jintalab permess speċjali mill-Qorti, filfatt l-esponenti għandu dubju jekk l-**Artikolu 250 tal-Kap. 386** tippermetti xi dritt t’appell b’mod ġenerali! »*

15. **Artikolu 229 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,** *in funditus,* jirregola d-drittijiet tal-partijiet milquta b’digrieti tal-Qorti u huwa intiż sabiex jipprovdi mezz ta’ appell jew rikonsiderazzjoni minn dawk id-digrieti interlokutorji li din il-Qorti tista’ tiġi mitluba tippronunzja fuq talba ta’ dik il-parti interessata.

16. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Camilleri v. Nadia Vella***,[1] ġie mtenni illi:

> *«6.* ***L-Artikolu 229 tal-Kap 12***[2] *li jikkontempla tliet tipi ta' digrieti fis-subinċiżi (1) (2) u (3) rispettivament, u ċioe`:*
>
> *(1)* ***Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista' jsir biss <u>wara</u> l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata ssentenza definittiva****:*
>
> *(a) digriet dwar l-akkoljiment ta' talba għall-urġenza;*
>
> *(b) dwar kull ordni jew direttiva skont il-provvedimenti tal-Artikolu 173;*
>
> *(ċ) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għat-tħollija tal-kawża għal data oħra skont l-Artikolu 195(3);*
>
> *(d) digriet dwar jekk tintlaqax jew le oġġezzjoni għall-ammissjoni ta' xhud skont l-Artikolu 567;*
>
> *(e) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud skont l-Artikolu 587;*
>
> *(f) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebu dokumenti skont l-Artikolu 637 ħlief jekk d-digriet ikun dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġieb dokument li jkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637(4);*
>
> *(g) dwar il-ħatra ta' perit skont l-Artikolu 646;*
>
> *(h) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-konnessjoni ta' kawża ma' oħra skont l-Artikolu 793(1);*
>
> *(i) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għas-sospensjoni tal-għoti ta' digriet;*
>
> *(j) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta' dokument millatti ta' kawża;*
>
> *(k) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta' digriet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu;*
>
> *(l) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għal konċessjoni speċjali sabiex ikun jista' jsir appell skont is-subartikolu (5);*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Lulju, 2020.
[2] Kif sostitwit bl-Artikolu 113 tal-Att XXIV tal-1995.

*(m) dwar digriet li ma jilqax talba għal waqfien fil-proċedimenti.*

*(2)* ***Id-deċizjoni tal-qorti fil-każijiet hawn taħt imsemmija għandha tingħata permezz ta' digriet li jinqara bil-miftuħ fil-qorti f'jum li jiġi debitament notifikat lill-partijiet, u jista' jsir appell minn dak id-digriet <u>qabel is-sentenza definittiva</u>*** *bla ħsara għall-proċedura stabbilita fis-subartikoli (4) u (5):*

*(a) digriet li jiċħad il-ħatra ta' periti addizzjonali skont l-Artikolu 674;*

*(b) digriet dwar it-trasferiment tas-smiegħ ta' kawża minn qorti oħra skont l-Artikolu 792;*

*(ċ) digriet li jiċħad is-sejħa ta' terza persuna f'kawża skont l-Artikolu 961;*

*(d) digriet li ma jilqax talba għall-urġenza;*

*(e) digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti;*

*(f) digriet li jordna li jinġieb dokument li jkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637(4).*

*(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi,* ***appell minn kull <u>digriet interlokutorju ieħor</u> li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti <u>permess speċjali</u> sabiex dan isir****, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak lappell.*

*7. Id-digrieti li jissemmew f'subinċiżi (1) u (2) għandhom x'jaqsmu mal-andament ta' kawża. Il-Qorti tifhem li subinċiż (3) japplika għall-istess tip ta' digrieti, bħal per eżempju digriet dwar il-kwistjoni tal-lingwa[3]. Fis-sentenza* ***Paul Tanti et v. Sammy Mifsud*** *tad-19 ta' Novembru 2011, din il-Qorti qalet:*

> *«Eżami akkurat ta' l-**Artikolu 229** għandu juri illi l-leġislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell **minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha**. Infatti l-artikolu*

[3] F'**Steve Caruana v. Lucy May Bailey** (Appell Superjuri 26.01.2018) ġie ritenut li digriet intiż biex jirregola l-kwistjoni tal-lingwa hu digriet interlokutorju u jaqa' taħt l-Artikolu 229(3).

> *jipprovdi għal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-każijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi proċedura li kellha tiġi segwita. Id-dispozizzjoni pero` tagħmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss għad-digrieti msemmija fis-subinċiżi (1) u (2) ta' l-istess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu.» Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – l-**Artikolu 229 tal-Kap 12** ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-inċiżi sussegwenti (4), (5) u (6) huma lkoll marbutin mad-dispożizzjoni preċedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-inċiżi (1) u (2)".»*

17. Għalhekk **Artikolu 229 tal-Kap. 12**, jagħmel distinzjoni bejn: (i) digrieti interlokutorji u dawk definittivi, u (ii) dawk id-digrieti li: (a) ma jistax isir appell minnhom jekk mhux flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva, (b) li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva, u (c) dawk residwali illi jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva iżda biss bil-permess speċjali tal-Qorti.[4] Madankollu, **Artikolu 229** jiffoka u jipprovdi dwar digrieti interlokutorji, li fil-qofol tagħhom huma intiżi biex b'xi mod jirregolaw l-andament tal-kawża li dik il-Qorti jkollha quddiemha.[5] Digriet ta' din ix-xorta biss jista' jagħti lok għall-applikazzjoni tal-**Artikolu 229 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fil-fatt ġie kkonfermat diversi drabi mill-Qrati tagħna li appelli minn digrieti li ma jirrigwardawx l-andament tal-proċeduri li fih jingħataw huma nulli.[6]

---

[4] Ara s-sentenza fl-ismijiet **GO p.l.c. v. Natalino Zammit**, deċiża mill-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju, 2015.
[5] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Josef Gatt v. Marisa Gatt**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju, 2003.
[6] Ara s-sentenzi fl-ismijiet: (i) **Mary Cassar v. Edward Cassar**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju, 2016, u (ii) **Steve Caruana v. Lucy May Bailey**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016.

18. Stabbilit il-premess, jirriżulta illi fid-digriet tagħha tat-3 ta' Mejju 2023, l-Ewwel Qorti, fl-ewwel lok rat taħt liema artikolu tal-liġi ġiet imsejsa din l-azzjoni, bil-konsegwenza li wara pprovdiet dwar il-kwistjoni tan-nullità tal-proċeduri li ma sarux b'rikors ġuramentat. Għalhekk, sa fejn il-kwistjoni tolqot dik il-parti tat-talba tal-kumpanija konvenuta appellanti dwar in-nullità tal-proċeduri odjerni minħabba li r-rikors promotur ma huwiex ġuramentat, id-digriet appellat għandu jitqies bħala wieħed interlokutorju.

19. Mill-atti jirriżulta li l-kumpanija konvenuta appellanti ma talbet l-ebda permess kif jirrikjedi **Artikolu 229 (3)** lill-Ewwel Qorti sabiex tressaq appell mid-digriet tagħha tat-3 ta' Mejju, 2023, fejn din kienet ċaħdet it-talba sabiex il-proċeduri jiġu dikjarati nulli u bla effett. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Catherine Balzan v. Tarcisio Balzan***[7], fejn ġie mtenni illi r-rekwiżit tal-permess ġie introdott fis-sistema tal-proċedura legali tagħna sabiex jiġi evitat l-abbuż tas-sistema li jwassal għal dewmien inutili intiż saħansitra minn wieħed jew aktar mill-partijiet:

> *«Huwa risaput li l-provvediment rigwardanti l-appelli minn digrieti [l-Art.229 Kap.12] gie ntrodott fis-sistema taghna biex jigu evitati l-kwantita' ta' appelli li kienu jsiru fil-prosegwiement tal-kawza fil-Prim' Istanza li diversi drabi l-uniku skop taghhom kien li jittawlu l-proceduri.*
>
> *Kien ghalhekk li l-leġiżlatur ħass li kellu jimponi dawk il-każijiet fejn ma kellu qatt isir appell ħlief mis-sentenza finali u dawk il-każijiet, invece fejn kien assolutament neċessarju li jsir appell qabel dak l-istadju għall-prosegwiment ġust u effikaċi ta' dik il-kawża partikolari.*
>
> *Madankollu, dawn il-listi ma setgħux jiġu kompletati u kien ghalhekk, li f'każijiet oħra, id-diskrezzjoni dwar appell qabel is-sentenza definittiva ġiet imħollija f'idejn il-ġudikant.»*

[7] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-4 ta' Mejju, 2001.

20. Għalhekk ġaladarba l-permess ma ntalabx mill-Ewwel Qorti fit-termini tal-**Artikolu 229 (3) tal-Kap. 12**, din il-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni tal-attur *nomine* appellat hija ġustifikata fil-liġi u għalhekk qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni u tiddikjara li l-appell mid-digriet dwar in-nullità tal-proċeduri odjerni minħabba li r-rikors promotur ma huwiex ġuramentat, huwa tabilħaqq irritu u null.

21. Stabbilit il-premess, u għal kull *buon fini*, din il-Qorti tissottolineja illi n-nullità tal-proċeduri kif imqanqla mill-kumpanija konvenuta hija ukoll ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-istess kumpanija ma hijiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Mingħajr ma' tippronunzja ruħha dwar il-proċedura użata mill-kumpanija konvenuta biex saret din it-talba, ma hemm l-ebda dubju illi l-Ewwel Qorti fid-digriet tat-3 ta' Mejju, 2023, ma kkunsidratx din il-kwistjoni. Minkejja dan, din il-Qorti ma tarax illi huwa fid-dover tagħha illi f'dan l-istadju tippronunzja ruħha dwar l-istess, u dan iktar u iktar ġaladarba ġiet imqajma l-eċċezzjoni tan-nullità tal-proċeduri ta' appell liema talba tirriżulta ġustifikata. Però jiġi mfakkar illi l-kwistjoni tal-leġittimità ta' parti f'kawża hija eċċezzjoni perentorja li toqtol l-azzjoni fil-konfront ta' min tkun saret, bil-konsegwenza li tista' titqanqal f'kull stadju tal-proċeduri anki waqt il-kors tal-appell, kif ukoll *ex officio*. Il-

konsiderazzjoni maġġuri hi li l-partijiet ikollhom l-opportunità li jġibu provi u jagħmlu sottomissjonijiet għar-rigward.[8]

**Decide**

Għar-raġunijiet premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-kumpanija konvenuta appellanti billi tiddikjarah irritwali u null. L-ispejjeż kollha jkunu a karigu tal-kumpanija konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

[8] Ara s-sentenzi fl-ismijiet: (i) **Jamar Limited v. Domestica Ltd**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Novembru, 2013, (ii) **Kunsill Lokali Marsaskala v. Avukat Ġenerali**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Ġunju, 2012, (ii) **Anthony Bezzina noe v. Direttur tal-Kuntratti et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2009, (iii) **Veronique Amato Gauci et v. Mario Zammit et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fid-19 ta' Mejju, 2004, (iv) **Joseph Grech v. Domenico Savio Spiteri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2001.